**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 04/K7/2015**

**Introduzzjoni**

Ir-Raba' Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2015 li saret nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu 2015.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, il-Kunsillier Mark Causon, il-Kunsillier Charles Cesare, l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi **(telaq fis-7:45pm)** u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-laqgha kienet qed tigi streamed online.

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-25 ta' Frar 2015. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 02/K7/2015.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 02/K7/2015.**
3. **Approvazzjoni tal-Minuti 03/K7/2015.**
4. **Punti li johorgu mill-Minuti 03/K7/2015.**
5. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
6. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
7. **Mistoqsijiet.**
8. **Korrispondenza.**
9. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
10. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
11. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
12. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K7/2015.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 02/K7/2015 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

PEMBROKE

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K7/2015.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 02/K7/2015 fejn irrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jehtiegu decizjonijiet ulterjuri.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K7/2015.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K7/2015 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K7/2015.

4.01. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-Minuti 03/K7/2015 fejn irrimarka li ma kienx hemm punti pendenti li jehtiegu decizjonijiet ulterjuri.

## 05. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

5.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 003-2015** – Kwotazzjonijiet ghat-trasport **(Ara Dok 1)** u **Internal Memo 004-2015** - Lista ta' laqghat li saru 03/K7/14 u 04/K7/15. **(Ara Dok. 2)**

5.02. B'referenza ghall-Internal Memo 003/2015, il-Vici Sindku Raymond Lanzon ppropona li tintghazel l-offerta ta' Paramout ghall-prezz ta' €89.00 nkluz il-VAT peress li hija l-aktar vantagguza.

5.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

5.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.05. Is-Sindku Dean Hili ghamel referenza ghall-works orders mahruga bejn laqgha u ohra fejn ippropona r-ratifikazzjoni taghhom, liema works orders inhargu skond l-esigenzi li kellu l-Kunsill.

| Works Order | | Data | Kumpanija | Xoghol |
|---|---|---|---|---|
| 30 | 2015 | 12/02/2015 | Ell's Urban Services ltd | Tlabna sabiex isir xoghol ta' patching fi Triq Camillo Sceberras kantuniera ma' Triq Madre Margherita de Brincat fi Triq Arnhem kantuniera ma' Triq Alamein u fi Triq il-Battalja ta' Malta. |
| 31 | 2015 | 16/02/2015 | Mica Med | Tlabna sabiex jigi rrangat l-arblu tad-dawl fi Triq San Gorg Preca. |

5.06. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

6.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati hawn fuq.

## 07. Mistoqsijiet.

7.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 08. Korrispondenza.

8.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn l-4 ta' Frar u t-3 ta' Marzu 2015 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

**46/0508/15/I**
**05/02/2015**
Email minghand Nature Trust fejn informaw lill-Kunsill li ser jibghatu persuna (Ranger) darba jew darbtejn fil-gimgha sabiex jaghmel patrol fuq ic-cycle track fejn ser ikun qed jiccekja l-info panels, jaghti xi nformazzjoni lil min ikun ghaddej u jara fejn ikun hemm bzonn li jsir xi tindif.

**46/0562/15/I**
**09/02/2015**
Email minghand il-Kunsillier Charles Cesare fejn b'riferenza ghall-email tan-Nature Trust dwar ir-ranger ippropona li l-uniformi tieghu tigi provduta mill-Kunsill

8.02. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0508/15/I u 46/0562/15/I** il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill joffri lil Nature Trust li jekk jixtiequ, il-Kunsill qed joffri li jipprovdi l-uniformi bl-emblema tal-Kunsill fuqha.

8.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda u zied li huwa mportanti li Nature Trust jigu nfurmata li dan m'ghandux jinftihem li qed jinghataw l-immanigjar tas-sit.

8.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0565/15/I**
**09/02/2015**
Email minghand ir-Regjun Tramuntana fejn b'referenza ghall-email tal-Kunsill dwar talba ghall-wardens informa lill-Kunsill li ghalissa jista' joffri biss 8 sieghat minghajr hlas ghall-maratona tal-giri li ser issir fil-lokal.

8.05. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0565/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li jintuzaw dawn is-sieghat biex ikopru l-attivita'.

8.06. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0605/15/O**
**12/02/2015**
Email li ntbaghtet lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghac-cirkulari mibghuta mid-Dipartiment tal-kuntratti gew infurmata li bhalissa l-Kunsill qed ihallas ghall-cleaner €7.10/hr inkluz il-VAT u dan ifisser li suppost irridu nhallsu aktar.

**46/0796/15/I**
**25/02/2015**
Email minghand il-Floorpul fejn baghtu kjarifika ghall-email li baghtu qabel dwar ir-rati l-godda u nformaw lill-Kunsill li r-rata ghas-sena 2015 ser tkun ta' €7.123 inkluz il-VAT u l-haddiema li jigu jahdmu mal-Kunsill ghandhom €4.52 is-siegha.

8.08. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0605/15/O u 46/0796/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din ir-rata ghandha tigi riveduta sabiex il-Kunsill ikun konformi mac-cirkolari msemmija.

8.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0615/15/O** **12/02/2015** Email lill-Membri tal-Kunsill fejn infurmajnihom li waqt li l-haddiem ta' l-ETC assenjat mal-Kunsill kien qed jahdem fil-Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta, huwa qed jghid li xi hadd seraqlu d-driller tal-Kunsill li kien inxtara madwar €180.00.

**46/0627/15/O** **13/02/2015** Baghtna rendikont ta' dak li qed jissuspetta l-haddiem assenjat mal-Kunsill Farid Bentarzi dwar is-serq ta' driller tal-Kunsill fejn ghandu suspett ta' persuna partikulari u fil-fatt intalab jaghmel rapport l-Ghassa.

8.11. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/061515/O u 46/0627/15/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-haddiem ghandu ghada stess jipprovdi kopja tar-rapport tal-Pulizija u jekk le jintbaghat lura l-ETC.

8.12. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill ghandu jinforma lill-ETC b'dak li gara.

8.15. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0670/15/I** **16/02/2015** Email minghand il-Birdlife fejn b'referenza ghall-attivita' li jixtiequ jorganizzaw fil-Park & Ride talbu sabiex il-Kunsill jibghat ittra li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni.

**46/0821/15/I** **26/02/2015** Email minghand il-Kunsillier Mark Causon fejn b'referenza ghall-attivita' li jridu jorganizzaw il-Bird Life Malta baghat is-suggerimenti tieghu tal-kundizzjonijiet li l-Kunsill ghandu jitlob lill-organizzaturi.

8.17. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0670/15/I u 46/0821/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li jekk ser ikun hemm xi bejjiegha ta' ikel u xorb barra l-istess sit, dawn ghandhom jaghmlu komunikat direttament mal-Kunsill ghal permessi u depoziti ta' garanzija, u l-istess organizzazzjoni ghandha ghal kull buon fini tiddepozita l-Kunsill somma ta' mhux aktar minn €200.00 bhala garanzija li tkopri tindif barra s-sit imsemmi u hsarat li jistghu jirrizultaw.

8.18. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0686/15/I** **17/02/2015** Email minghand l-Enemalta fejn informaw lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill ghal twahhil ta' zewg lampi fi Triq Patri Serafin Zarb wara Blokk 7 giet meqjusa gustifikata.

**46/0840/15/I** **27/02/2015** Kwotazzjoni minghand il-Mica Med ghall-installazzjoni ta' 2 lampi godda fi Triq Patri Serafin Zarb ghall-prezz ta' €2,066.72.

8.20. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0686/15/I u 46/0840/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova din l-istima ghall-provvista ta' lampi. Dwar it-trinka li hemm bzonn issir, il-kelliem ippropona li ghandha tintalab stima ukoll lill-J&K Contractors biex eventwalment tinhareg ordni lill-J&K Contactors jew Mica Med Ltd. skond ta' min tkun l-irhas.

8.21. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0693/15/I** 18/02/2015 — Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kopja ta' l-email li rcievew minghand Ms. Maria Bartolo Galea tal-Job Bridge fl-ETC fejn qed iheggu lill-Kunsill jikkoperaw maghha sabiex issir laqgha nformattiva ghall-persuni b'dizabilita' li jixtiequ jsibu xoghol.

8.23. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0693/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jorganizza din il-laqgha.

8.24. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.25. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0709/15/I** 19/02/2015 — Email minghand Pembroke Athleta Football Nursery fejn staqsew jekk il-Kunsill huwiex ser jorganizza l-Easter Football Festival.

8.26. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0709/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jorganizza dan il-festival u jzomm ferm mal-kundizzjonijiet li saru s-sena l-ohra ghal din l-attivita' u li ssir laqgha fil-prezenza ta' dirigenti ta' Pembroke Athleta mmedjatament sabiex jinbeda x-xoghol mehtieg peress li z-zmien qieghed maghna. Il-kelliem ippropona wkoll li ghandhom jintuzaw l-istess suppliers tas-sena li ghaddiet biex jigi ordnat il-materjal li jkun hemm bzonn.

8.27. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.28. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0715/15/I** 20/02/2015 — Email minghand is-sur Ivan Saliba fejn talab il-permess tal-Kunsill biex ghas-spejjez tieghu inehhi parti mill-hajt u l-hamrija u jestendi l-post ta' parkegg li hemm fejn Blokk 2, Flt 3, Triq il-President A. Buttigieg sabiex ikun jista' jipparkja l-camper.

8.29. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0715/15/I**, wara diskussjoni l-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li din it-talba ma tistax tigi milqugha minhabba li jista' jinholoq precedent u minhabba restrizzjonijiet ta' parking li diga hemm ezistenti.

8.30. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.31. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0726/15/O** 20/02/2015 — Email li l-Kunsill baghat lill-Faces Display fejn gie mitlub sabiex jigi nstallat bus shelter gdid fil-bus stop ta' Triq il-Profs Walter Ganado bl-isem Portanier 6137 minhabba li ma hemm l-ebda tip ta' lqugh kemm mix-xemx kif ukoll mix-xita.

**46/0782/15/I** 25/02/2015 — Email minghand Transport Malta fejn informaw lill-Kunsill li ma jsibux oggezzjoni biex isiru zewg bus shelters fi Triq Profs Walter Ganado u talbu sabiex ninfurmawhom kif il-Kunsill ikollu l-approvazzjoni ta' DNO tal-MEPA.

8.32. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0726/15/O u 46/0782/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill iqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jaghmel l-applikazzjonijiet necessarja ghal dawn iz-zewg Bus Shelters.

8.33. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.34. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0746/15/I** 23/02/2015 — Lista t'applikazzjonijiet godda ghal permess ta' zvilupp fejn fosthom

hemm 2 applikazzjonijiet tal-Verdala International School:

PA/00584/15 - Change of use of existing building from storage to playschool Class 2C and construction of additional storeys at first floor level in line with the existing architecture.

PA/00563/15 - To dismantle existing wire fence and construct boundary wall with gates.

8.35. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0746/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li din l-informazzjoni ghandha tghaddi f'idejn il-Perit tal-Kunsill ghaliex jidher li ser jonqos l-ispazju ghall-parkegg, jekk inhu l-kaz il-Kunsill jehtieg jopponi ghall-proposti kif saru minhabba li bil-gates proposti ser jitnaqqas il-parkegg u li l-izvilupp propost ghandu jkollu l-istess estetika bhal Triq Alamein, u li r-ricint propost fil-Verdala International School ghandu jkun konformi ma' dak ezistenti u mhux xi hajt gholi tal-gebel.

8.36. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.37. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.38. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li ghalkemm saru l-pelican lights fi Triq Cassino, xorta wahda qed isir abbuz minn studenti tal-Verdala International School billi qed jaqsmu bl-addocc. Il-kelliema talbet li ghandha tingibed l-attenzjoni tad-dirigenti ta' l-iskola.

**46/0748/15/I**
**23/02/2015**
Email minghand il-Contract Manager fejn baghat l-opinjoni tieghu dwar il-haxix selvagg fi Triq il-Mediterran u nforma lill-Kunsill illi ma jixtieqx jidher li qed jimpika jekk il-Kunsill ma jhossx li ghandu jaqta' l-haxix ta' taht il-palm izda huwa dmir tieghu li jinforma lill-Kunsill.

8.39. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0748/15/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill ghandu jaghti l-approvazzjoni lill-kuntrattur li jinqata' l-haxix li hemm u jekk jista' jkun ma jinqatax sal-hamrija.

8.40. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.41. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.42. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li hemm palma quddiem il-kamra tad-dawl fi Triq il-Mediterran li ghandha tinqala' kif ukoll li tigi rrangata l-kurduna.

8.43. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.44. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0762/15/I**
**24/02/2015**
Email minghand Dr. Marie Wagner fejn infurmat lill-Kunsill li tmur timxi bil-kelb fl-area ta' l-AFM u li jwaqfuha l-gwardjani lokali ghax thalli l-kelb bla cinga u talbet sabiex il-Kunsill isolvi din il-problema minhabba li hija ghandha l-permess specjali tas-sur Mario Spiteri u l-kelb taghha huwa trenjat.

**46/0781/15/O**
Email li l-Kunsill baghat lill-Animal Welfare dwar it-talba ta' Dr. Marie Wagner fejn il-Kunsill talab twegiba ghal numru ta' mistoqsijiet dwar il-permess li ghandna li thalli l-kelb jigri bla cinga.

**46/0790/15/I**
**25/02/2015**
Email minghand Mario Spiteri Ex-Direttur ta' l-Animal Welfare fejn b'referenza ghall-email li baghat il-Kunsill dwar l-email tas-sinjura Wagner ikkonferma li meta kien Direttur, s-sinjura kellha koncessjoni li thalli l-kelb bla cinga izda issa sta ghad-direttur il-gdid jekk din il-

koncessjoni tibqax tghodd.

**46/0794/15/I** **25/02/2015** Email minghand Dr. Marie Wagner fejn b'referenza ghall-email taghha qed tikkjarifika li hija ma talbitx li l-kelb jithalla jigri bla cinga izda li peress li l-kelb huwa trenjat u jaf jimxi maghha bla cinga.

**46/0797/15/I** **25/02/2015** Email minghand id-Direttur ta' l-Animal Welfare is-sur Lawrence Buhagiar fejn informa lill-Kunsill li l-permess li ghandna Dr. Wagner ghandu validu u huma ma jsibx oggezzjoni li l-kelb jithalla jimxi minghajr cinga fl-area ndikata.

8.45. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0762/15/I, 46/0781/15/O, 46/0790/15/I, 46/0794/15/I u 46/0797/15/I** is-Sindku Dean Hili rrimarka li fl-opinjoni tieghu l-ebda ufficjal pubbliku m'ghandu jaghti din it-tip ta' koncessjoni li adirittura tmur kontra l-ligi, mhux ghaliex ghandu dubju li dan il-kelb partikolari mhuwiex taht il-kontroll ta' sidu imma propju ghaliex is-sidien ta' hafna klieb jistghu jaghmlu dik it-tip ta' dikjarazzjoni u jinholoq precedent inutli. Il-kelliem zied li apparti dan, l-entita` kkoncernata mill-osservanza u l-infurzar tal-ligi hija l-Kumitat Regjonali u l-Gwardjani Lokali li minn tal-anqas, kellhom jigu nformati dwar dan kollu, xi haga li ma jidhirx li saret ghaliex l-ilment originali kien f'dan is-sens.

8.46. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li thossha ddizappuntata peress li hija responsabbli mid-dikasteru u thoss li kellha tigi nfurmata mill-ewwel. Irrimarkat li ma tistax taccetta qatt li jkun hemm struzzjonijiet biex tinkiser il-ligi, apparti li din hija diskriminazzjoni u dan il-permess jidher li kien inhareg xi ghaxar snin ilu. Finalment irrimarkat li hija talbet biex tintbaghat risposta u s'issa ghad ma hargitx.

8.47. Wara diskussjoni s-Sindku Dean Hili ppropona li Direttur ta' l-Animal Welfare s-sur Lawrence Buhagiar ghandu jigi nfurmat li l-Kunsill qed jesigi li hadd m'ghandu jaghti struzzjonijiet li jmorru kontra dak stipulat fil-ligi.

8.48. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0768/15/I** **24/02/2015** Email minghand STC fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex isir parkegg riservat ghall-persuni b'dizabilta' skond il-pjanta ndikata.

**46/0793/15/I** **25/02/2015** Email minghand l-STC fejn baghtu ritratti li juru r-rampa li tintuza mill-persuni b'dizabilita' u t-talba taghhom hija sabiex vetturi ma jipparkjawx vicin ir-rampa u jostakolaw l-access.

**46/0804/15/O** **26/02/2015** Email minghuta lill-Membri tal-Kunsill fejn b'referenza ghall-parkegg riservat fi Triq Giorgio Mitrovich infurmajnihom li jekk ser jintalab il-permess ta' Transport Malta biex isiru double yellow lines jew parking bays jaf jitnaqqsu l-ispazju tal-parkeggi kif ukoll jaf ma japprovax minhabba li triq hija dejqa.

8.50. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0768/15/I, 46/0793/15/I u 46/0804/15/O** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jiehu hsieb li jintalab il-permess ta' TM biex issir Junction Box quddiem ir-rampa ndikata.

8.51. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

8.52. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.53. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jivverifika mad-Dipartiment ta' l-Artijiet jekk il-kumplament tat-triq li hemm wara Triq Giorgio Mitrovich hijiex propjeta' ta' Sprachcaffe jew le.

8.54. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.55. Il-Kunsill qabel unanimament.

***8.56. Fis-7:45pm l-Ambaxxatur ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

**46/0811/15/I**
**26/02/2015**
Email minghand l-MCA fejn informa lill-Kunsill li jinsabu fil-process li jorganizzaw aktar korsijiet tal-progett ENTER bejn April u Settembru u staqsa kemm jista' jospita' klassijiet il-Kunsill dment li m'ghandux pjanijiet ghas-sala

8.57. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0811/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill japprova li jsiru dawn il-korsijiet.

8.58. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.59. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0824/15/I**
**26/02/2015**
Kopja ta' l-email li n-Nature Trust baghtu lill-MTA fejn infurmawhom li fit-18 ta' Marzu ser jorganizzaw clean up fis-sit ta' Natura 2000 u talbu s-sapport taghhom biex jipprovdu skip u xi garbage bags.

8.60. B'referenza ghall-korrispondenza numru **46/0824/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ghandu jaghti s-sostenn kollu tieghu u esiga li kemm jista' jkun, ghandu jkun hemm il-prezenza mill-Kunsilliera ghall-attivita'.

8.61. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

8.62. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.63. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jitlob il-permess tal-MEPA biex tul it-toroq li minn Triq il-Mediterran jaghtu lejn ix-xatt jinzerghu sigar tat-tamarisk bhala hedge.

8.64. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

8.65. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0832/15/I**
**27/02/2015**
Email minghand Animal Guardians Malta fejn stiednu l-Kunsill ghal-laqgha ta' diskussjoni dwar il-kontrol ta' qtates fit-toroq, il-kura u l-feeding taghhom fil-lokal, li ser issir nhar is-Sibt 21 ta' Marzu 2015 bejn l-10.30am u s-1.30pm gewwa Borg Cardona Hall Ta' Qali.

**46/0844/15/I**
**28/02/2015**
Email minghand Animal Guardians Malta fejn talbu nibghatu l-kummenti tal-Kunsill dwar il-qtates fit-toroq fil-lokal sabiex jippjanaw ahjar u jghinu feeders u neuterers u staqsew jekk nixtiequx naghmlu talks ghall-pubbliku u joffru xi vouchers ghan-neutering.

8.66. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0832/15/I u 46/0844/15/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li Animal Guardians Malta ghandhom jigu nfurmata li l-Kunsill diga qed jahdem fuq skemi simili. Il-kelliema rrakkomandat li jekk huwa possibbli jsiru aktar djar ta' l-injam ghall-qtates.

8.67. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.68. Il-Kunsill qabel unanimament.

8.69. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li nhar l-Erbgha 15 ta' April 2015 fis-6:00pm ghandha ssir diskussjoni fis-sala tal-Kunsill dwar il-harsien tal-qtates.

8.70. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.71. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **46/0842/15/I** 28/02/2015 | Email minghand is-sur Mark Schembri fejn talab ikun rimburzat is-somma ta' €170 tal-hsara li sofra fuq 2 tyres fi Triq Burma. |
| **46/0878/15/I** 02/03/2015 | Email minghand is-sur Raymond Giudice fejn talab ikun rimburzat is-somma ta' €55 tal-hsara li sofra fuq tyre fi Triq Il-Profs. Walter Ganado. |

8.72. B'referenza ghall-korrispondenza numri **46/0842/15/I u 46/0878/15/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaccetta li jithallas biss 50% ta' l-ammont mitlub minhabba li t-tyres ma kienux godda.

8.73. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

8.74. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsillier Charles Cesare vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Mark Causon ivvota kontra.

8.75. Il-mozzjoni ghaddiet.

## 09. Kumitati Kongunti ta' l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

9.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta' dawn il-kumitati.

## 10. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

10.01. Ma kien hemm xejn.

## 11. Approvazzjoni tal-kontijiet.

11.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Ara Dok. 3, 4 u 5)**

11.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ipprezentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata.

11.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 12. Materji ohra.

12.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandhom jitnehhew is-sigar ta' l-akacja li hemm fid-dahla ta' Pembroke u minflok jithawlu ohrajn godda.

12.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

12.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.04. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha ma' l-Ambaxxatur Ciniz dwar l-izvilupp ta' l-Ambaxxata Ciniza fil-lokal.

12.05. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.07. Il-Kunsillier Mark Causon irrakkomanda li l-Kunsill jaghmel talba lill-PARKS fejn joffri li l-ilma zejjed li ghandhom fil-bjar taghhom, jista' jigi depozitat fil-gwiebi tal-lokal.

12.08. Il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jikteb lil Malta Red Cross fejn jigu mitluba jnehhu l-container li ghandhom ipparkjat off Triq Tobruk.

12.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

12.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

12.11. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fis-9.00pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 fil-5.30pm.

Avv. Dean Hili
*Sindku*

Kevin Borg 24/3/2015
*Segretarju Ezekuttiv*

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 003/2015** **13 ta' Frar 2015**

## Kwotazzjoni għal Trasport

Il-Kunsill ġabar kwotazzjonijiet għal trasport minn Pembroke għall-Imdina u lura għall-attivita' li jorgaizza l-Kunsill nhar il-Ħamis 2 ta' April b'konnessjoni mal-Ġimgħa l-Kbira.

| | |
|---|---|
| Paramount | €89 VAT inkluz |
| Koptaco Coaches | €118 VAT inkluz |
| Zarb Coaches | €109 VAT inkluz |
| Supreme Coaches | €177 VAT inkluz |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

***Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera***

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2.

**Internal Memo Riferenza 04/2015** **03 ta' Marzu 2015**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 02/K7/15 u 04/K7/15

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 03/02/2015 | Laqgha tal-Kunsill 02/K7/2015 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 03/02/2015 | Laqgha tal-Kunsill 03/K7/2015 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 04/02/2015 | Laqgha mal-Ministru Joe Mizzi dwar l-istat ta' Triq Gabriele Henin | Ministeru ghat-Trasport | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 04/02/2015 | Laqgha mal-MEPA dwar il-qtugħ ta' ħaxix selvaġġ fuq is-sit Natura2000 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 04/02/2015 | Laqgha mal-kuntrattur Christian Galea u l-Contracts Manager | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 05/02/2015 | Laqgha mal-familja Baldacchino re drive-in fi Triq Alamein | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili |



PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 05/02/2015 | Laqgha mal-Perit Chris Mintoff dwar l-appell tal-Pembroke Rackets Tennis Club | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 12/02/2015 | Laqgha dwar l-Vintage Motors Festival 2015 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg<br>Ray Lanzon |
| 12/02/2015 | Intervista ma' Steve Fenech dwar il-Graffiti and Street Art: | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili |
| 13/02/2015 | Laqgha ma' Transport Malta rigward id-diversion mill-White Rocks | Bahar ic-Caghaq | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 23/02/2015 | Laqgha ma' E&L Enterprises dwar Qt. 13/2014 - Supply & install public garden safety gates | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 24/02/2015 | Appell PA 2421/13 - PAB 61/14 - (Room A, Rifle, Ranges ta' Pembroke) | MEPA Board room | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 24/02/2015 | Laqgha mal-Bord tal-Għażla tal-Proġetti Kapitali | Palazzo Spinola Valletta. | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 25/02/2015 | Laqgha dwar il-progett Leap - Outreach | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 03/03/2015 | Laqgha ma' WSC dwar it-tappieri ta fuq ic-cycle track | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali: Pembroke**

**Skeda Nru 10 /2015**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 04/02/2015 sa 03/03/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 160 | DOI | €9.32 | €9.32 | D | INV | Advert re Pembroke races | 06/02/15 | na | | 25/2014 | 2940 | 11909 |
| 161 | MEPA | €120.00 | €120.00 | D | INV | DNO - bankina Triq Burma | 11/02/15 | na | | | 3410 | 11910 |
| 162 | MEPA | €120.00 | €120.00 | D | INV | DNO - bankina Triq Mandalay | 11/02/15 | na | | | 3410 | 11911 |
| 163 | Self | €119.27 | €119.27 | D | | Petty Cash - Jan 2015 | 31/01/15 | na | | | | 11912 |
| 164 | Watermark stationery | €1.20 | €1.20 | D | INV | Spag (Carnival party) | | 61478 | | | 3360 | 11913 |
| 165 | Maxims | €31.50 | €31.50 | D | INV | Food stuff (Carnival party) | | 42 | | 28/2015 | 3360 | |
| 166 | Candylicious | €56.00 | €56.00 | D | INV | Sweets (Carnival party) | | 19 | | 26/2015 | 3360 | 11914 |
| 167 | Lidl | €23.27 | €23.27 | D | INV | Sweets and food (Carnival party) | | 297 | | 32/2015 | 3360 | 11915 |
| 168 | Lidl | €45.24 | €45.24 | D | INV | Soft drinks and napkins | | 297 | | 32/2015 | 3310 | |
| 169 | Pembroke Self Service | €32.42 | €32.42 | D | INV | Food stuff (Carnival party) | | 44 | | 27/2015 | 3360 | 11916 |
| 170 | Staff Salary | €3,963.96 | €3,963.96 | | | Salary - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 1200 | 11917/19/20 |
| 171 | Staff Overtime | €257.25 | €257.25 | | | Overttime - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 1700 | 11919/20 |
| 172 | Mayor Allowance | €470.36 | €470.36 | | | Honoraria - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 1100 | 11918 |
| 173 | CIR | €117.00 | €117.00 | | | Mayor IT - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 1100 | 11921 |
| 174 | CIR | €918.68 | €918.68 | | | Employee NI + IT - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 1200 | |
| 175 | CIR | €428.68 | €428.68 | | | Employer NI - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 1500 | |
| 176 | Self | €126.38 | €126.38 | | | Petty Cash - Feb 2015 | 27/02/15 | | | | 11922 | |
| 177 | Arms | €112.89 | €112.89 | D | INV | Dawl - Pembroke Battery 01/10/14 - 17/01/15 | 06/02/15 | 19871380 | | | 2130 | |
| 178 | Arms | €694.73 | €694.73 | D | INV | Dawl - Ufficcju tal-Kunsill 01/10/14 - 17/01/15 | 06/02/15 | 19871385 | | | 2130 | |
| 179 | Arms | €72.42 | €72.42 | D | INV | Ilma - Ufficcju tal-Kunsill 01/10/14 - 17/01/15 | 06/02/15 | 19871385 | | | 2140 | |
| | **Sub Total c/f** | **€7,720.57** | **€7,720.57** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,720.57** | **€7,720.57** | | | | | | | | | |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili    Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon    Kunsillier E. Vella Brincat    Kunsillier M. Causon    Kunsillier C. Cesare

Dok 3

**Approvati fis-Seduta Nru: 04/K7/2015**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsill Lokali: Pembroke | Skeda Nru 11 /2015

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 04/02/2015 sa 03/03/2015**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | Arms | €316.90 | €316.90 | D | INV | Dawl - Gnien ta' Kalkutta 01/10/14 - 17/01/15 | 06/02/15 | 19871382 | | | 2130 | |
| 181 | Arms | €40.92 | €40.92 | D | INV | Ilma - Gnien ta' Klakutta 01/10/14 - 17/01/15 | 26/02/15 | 19871382 | | | 2140 | |
| 182 | AID Ltd. | €1,703.90 | €1,703.90 | K | INV | Upgrading of 3 computers operating system | 02/02/15 | 37 | | 276/2014 | 3110 | |
| 183 | ICT Solutions | €188.80 | €188.80 | K | INV | Upgrading Sage Pastel Partner to V11 | 03/02/15 | 141617 | | 10/2015 | 3110 | |
| 184 | GSD Marketing Ltd. | €34.68 | €34.68 | D | INV | 204 Kristal 0.5lt water bottles | 04/02/15 | 13991930 | | 3/2015 | 3370 | |
| 185 | Building & Design Consultants | €95.46 | €95.46 | T | INV | Stima - Reinstatement Multipurpose Court | 04/02/15 | 6571 | | 14/2015 | 3070 | |
| 186 | WasteServ Malta Ltd. | €951.07 | €542.08 | D | INV | Jan 02-15 tipping (Gov. Alloc./12=€ 13,010/12) | 02/02/15 | 55114 | | | 3043 | |
| 187 | MicaMed Ltd. | €58.90 | €58.90 | T | INV | Lampa fi Triq San Gorg Preca | 05/02/15 | 29 | | 279/2014 | 3010 | |
| 188 | MicaMed Ltd. | €204.82 | €204.82 | T | INV | lampa W089 - Misrah il-Paci Kunsill/m ANZAC | 05/02/15 | 30 | | 280/2014 | 3010 | |
| 189 | Vodafone | €52.00 | €52.00 | D | INV | 79372111 - Jan RED plan | 01/02/15 | 4496286 | | | 2150 | |
| 190 | Intercomp Marketing Ltd. | €160.74 | €160.74 | K | INV | FSMA - Nov 14 to Jan 15 (15,136 copies) | 31/01/15 | 196955 | | | 2670 | |
| 191 | Charlie Mifsud | €1,496.29 | €1,496.29 | T | INV | Non Urban - Jan 2015 - 21 working days | 12/02/15 | 1108 | | | 3052 | |
| 192 | Charlie Mifsud | €1,496.29 | €1,496.29 | T | INV | Soft Areas - Jan 2015 - 21 working days | 12/02/15 | 1107 | | | 3064 | |
| 193 | Charlie Mifsud | €1,227.88 | €1,227.88 | T | INV | Parks & Gardens - Jan 2015 | 12/02/15 | 1110 | | | 3061 | |
| 194 | Charlie Mifsud | €119.70 | €119.70 | T | INV | Parks & Gardens - Jan 2015 (MTA area) | 12/02/15 | 1111 | | | 3061 | |
| 195 | Charlie Mifsud | €1,011.35 | €1,011.35 | T | INV | Bulky Refuse - Jan 2015 | 12/02/15 | 1109 | | | 3042 | |
| 196 | GO | €18.52 | €18.52 | | INV | 21372111 - Feb Business Talk 500 | 12/02/15 | 42033313 | | | 2150 | |
| 197 | GO | €15.58 | €15.58 | | INV | 21372555 - Feb rent | 12/02/15 | 42033192 | | | 2150 | |
| 198 | GO | €0.14 | €0.14 | | INV | 21372555 - Jan calls | 12/02/15 | 42033192 | | | 2160 | |
| 199 | Romina Perici Ferrante | €384.00 | €384.00 | T | INV | Jan Accountancy Services | 23/02/15 | 15/006 | | | 3160 | |
| | **Sub Total c/f** | **€9,577.94** | **€9,168.95** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€7,720.57** | **€7,720.57** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€17,298.51** | **€16,889.52** | | | | | | | | | |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili | Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon | Kunsillier E. Vella Brincat | Kunsillier M. Causon | Kunsillier C. Cesare

**Approvati fis-Seduta Nru: 04/K7/2015**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Kunsill Lokali: Pembroke | Skeda Nru 12 /2015

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data: 04/02/2015 sa 03/03/2015**

| | Fornitur | | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 200 | Koptasin | €360.57 | €360.57 | T | INV | Sleeping police markings | 12/02/15 | 20467 | | 198/2014 | 2314 | |
| 201 | Koptasin | €157.11 | €157.11 | T | INV | Sleeping police markings | 12/02/15 | 20468 | | 198/2014 | 2314 | |
| 202 | Koptasin | €397.32 | €397.32 | T | INV | Sleeping police markings | 12/02/15 | 20450 | | 6/2015 | 2314 | |
| 203 | WasteServ Malta Ltd. | €858.11 | €542.08 | D | INV | Jan 16-31 tipping (Gov. Alloc./12=€ 13,010/12) | 16/02/15 | 55408 | | | 3043 | |
| 204 | S8S Ltd. | €112.01 | €112.01 | K | INV | Jan 2015 cash collection | 31/01/15 | 2319 | | | 3060 | |
| 205 | Floorpul Ltd. | €227.94 | €227.94 | K | INV | Jan maid services | 24/02/15 | 015/01 | | | 3055 | |
| 206 | MITA | €14.90 | €14.90 | D | INV | Email accounts (Oct - Dec 14) | 20/02/15 | 31614 | | | 3060 | |
| 207 | Christian Galea & Family | €1,638.77 | €1,567.50 | T | INV | Street Sweeping - Jan 2015 - 22 working days | 12/02/15 | 4 | | | 3051 | |
| 208 | Christian Galea & Family | €2,970.00 | €2,970.00 | T | INV | Refuse Collection - Jan 2015 - 22 working days | 20/02/15 | 5 | | | 3042 | |
| 209 | Raphael Carabott | €425.00 | €425.00 | T | INV | Jan contracts manager fee | 31/01/15 | 10-14 | | | 3120 | |
| 210 | HSBC Savings | €10.00 | €10.00 | | | HSBC net - Jan internet banking facility | 09/02/15 | | | | 3035 | |
| 211 | HSBC Current | €17.50 | €17.50 | | | Annual Audit Fee | 19/02/15 | | | | 3035 | |
| 212 | E&L Enterprises | €1,899.98 | €1,899.98 | K | INV | 4 gradi mal-gonna | 26/02/15 | 3521 | | 277/2014 | 7240 | |
| 213 | Promark Stationery | €26.00 | €26.00 | D | INV | Stationery | 01/03/15 | 62780 | | | 2620 | |
| 214 | Pembroke Self Service VT. | 50.62 | 50.62 | D | INV | Eats + water to be used during Council meeting. | 3/3/15 | 3993 | | 34/2015 | 3310 | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | |

| | | |
|---|---|---|
| **Sub Total c/f** | **€9,115.21** | **€8,727.91** |
| **Sub Total b/f** | **€17,298.51** | **€16,889.52** |
| **Total** | **€26,413.72** | **€25,617.43** |

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
Tel : (+356) 2137 2111 Fax : (+356) 2137 2555
Web page : www.pembroke.gov.mt
e-mail : pembroke.lc@gov.mt

Sindku Avv. D. Hili — Segretarju Eżekuttiv K. Borg

Viċi Sindku R. Lanzon — Kunsillier E. Vella Brincat — Kunsillier M. Causon — Kunsillier C. Cesare

Approvati fis-Seduta Nru: 04/K7/2015

Dok 4

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

# Skeda tad-Dħul bejn 04/02/2015 - 03/03/2015

| | Deskrizzjoni | Ammont tad-Dħul | Nru. tan-Nominal Account | Data | Nru. Tar-Riċevuta |
|---|---|---|---|---|---|
| 54 | P. Caruana - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 03/02/15 | 3939 |
| 55 | Regjun Xlokk - LES Inv 05/14 (Jan 2014) | €24.46 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 56 | Regjun Xlokk - LES Inv 10/14 (Feb 2014) | €33.79 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 57 | Regjun Xlokk - LES Inv 14/14 (Mar 2014) | €32.62 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 58 | Regjun Xlokk - LES Inv 22/14 (Apr 2014) | €27.96 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 59 | Regjun Xlokk - LES Inv 27/14 (May 2014) | €46.56 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 60 | Regjun Xlokk - LES Inv 31/14 (Jun 2014) | €30.26 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 61 | Regjun Xlokk - LES Inv 39/14 (Jul 2014) | €30.28 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 62 | Regjun Xlokk - LES Inv 44/14 (Aug 2014) | €27.95 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 63 | Regjun Xlokk - LES Inv 49/14 (Sept 2014) | €35.13 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 64 | Regjun Xlokk - LES Inv 54/14 (Oct 2014) | €68.65 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 65 | Regjun Xlokk - LES Inv 59/14 (Nov 2014) | €39.60 | 0063 | 03/02/15 | 3940 |
| 66 | M. Galdes - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 05/02/15 | 3941 |
| 67 | C. Attard - Permess ghal-Open skip | €6.80 | 0065 | 05/02/15 | 3942 |
| 68 | Regjun Nofsiinhar - LES Inv 53/14 (Oct 2014) | €37.24 | 0063 | 06/02/15 | 3943 |
| 69 | R. Galea - Pembroke Book | €2.50 | 0066 | 09/02/15 | 3944 |
| 70 | Dingli - 2 Pembroke Books | €5.00 | 0066 | 09/02/15 | 3945 |
| 71 | D. Calleja - Permess ghal-Open skip | €2.16 | 0065 | 11/02/15 | 3946 |
| 72 | M. Farrugia - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 12/02/15 | 3947 |
| 73 | J. Grech - Permess ghal-open skip | €4.48 | 0065 | 13/02/15 | 3948 |
| 74 | M. Agius - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 16/02/15 | 3949 |
| 75 | P. Calleja - Permess ghal-open skip | €10.28 | 0065 | 17/02/15 | 3950 |
| 76 | D. Cutajar - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 18/02/15 | 3951 |
| 77 | Attivita' Karnival tat-Tfal 2015 (385-401) | €92.50 | 0066 | 18/02/15 | 3952 |
| 78 | Sprachcaffe - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 19/02/15 | 3953 |
| 79 | Sullivan Shipping - Permess ghal-krejn | €2.33 | 0065 | 20/02/15 | 3954 |
| 80 | V. Agius - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 25/02/15 | 3955 |
| 81 | Regjun Centru - LES Inv 02/14 (Jan 2014) | €122.23 | 0063 | 25/02/15 | 3956 |
| 82 | Regjun Centru - LES Inv 07/14 (Feb 2014) | €154.80 | 0063 | 25/02/15 | 3956 |
| 83 | Regjun Centru - LES Inv 11/14 (Mar 2014) | €200.15 | 0063 | 25/02/15 | 3956 |
| | **Sub Total c/f** | **€1,054.04** | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€1,054.04** | | | |

## Seduta Nru: 04/K7/2015

Sindku Avv. Dean Hili

Viċi Sindku Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg

Kunsillier Evelyn Vella Brincat

Kunsillier Mark Causon

Kunsillier Charles Cesare

**Kunsill Lokali: Pembroke** **Skeda Nru 5 /2015** Dok 5

# Skeda tad-Dħul bejn 04/02/2015 - 03/03/2015

| | Deskrizzjoni | Ammont tad-Dħul | Nru. tan-Nominal Account | Data | Nru. Tar-Riċevuta |
|---|---|---|---|---|---|
| 84 | Regjun Centru - LES Inv 19/14 (Apr 2014) | €193.19 | 0063 | 25/02/15 | 3956 |
| 85 | Regjun Centru - LES Inv 24/14 (May 2014) | €209.56 | 0063 | 25/02/15 | 3956 |
| 86 | Sprachcaffe - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 25/02/15 | 3957 |
| 87 | Regjun Nofsinhar - LES Inv 58/14 (Nov 2014) | €17.47 | 0063 | 25/02/15 | 3958 |
| 88 | HSBC Fixed Acc Bank Interest Received | €27.45 | 0091 | 19/02/15 | |
| 89 | HSBC Fixed Acc Bank Interest Received | €4.80 | 0091 | 25/02/15 | |
| 90 | G. Borg - Permess ghall-High up | €2.33 | 0065 | 02/03/15 | 3959 |
| | **Sub Total c/f** | **€457.13** | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€1,054.04** | | | |

## Seduta Nru: 04/K7/2015

Sindku Avv. Dean Hili

Viċi Sindku Raymond Lanzon

Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg

Kunsillier Evelyn Vella Brincat

Kunsillier Mark Causon

Kunsillier Charles Cesare